15 ta' Jannar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ganni Bugeja

**Attruppament — Art. 68 (1) tal-Kap. 12.**

***Kull ma trid il-liġi biex ikun hemm id-delitt ta' min ixewwex ġemgħa ta' nies biex jikkommettu reat huwa li l-folla tkun ta' għaxra jew iżjed fil-ħin li tkun imxewxa; u mhix aċċettabbli l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni relattiva tal-liġi fis-sens li, sabiex ikun hemm dak ir-reat, jeħtieġ illi n-nies jinġabru f'numru ta' għaxra jew iżjed bħala effett dirett ta' l-istigazzjoni, b'mod illi, jekk meta jsir l-inċitament ikun hemm diġà ġemgħa ta' nies ta' għaxra jew iżjed, ma hemmx dan ir-reat.***

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' Għawdex u Kemmuna kontra l-imsemmi Ġanni Bugeja, talli l-Belt Vittorja, fit-18 ta' Lulju, 1954, f'xi l-10.45 p.m., waqt il-"march" ta' l-aħħar tal-Festa ta' San Ġorġ, xewwex ġemgħa ta' nies ta' aktar minn għaxar persuni biex jiddisturbaw il-bon ordni u l-paċi publika;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Novembru, 1954, li biha sabet lill-imputat mhux ħati u ordnat li jiġi liberat;

Rat ir-rikors li bih il-Prosekuzzjoni appellat mis-sentenza fuq imsemmija u talbet li tiġi revokata, u li l-imputat jinstab ħati tar-reat kontra tiegħu dedott;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni setgħet tappella, għaliex l-Ewwel Qorti għamlet *definizzjoni* tal-pont tal-liġi, li l-istess Prosekuzzjoni *qegħdha timpunja bħala erronea;*

L-Ewwel Qorti, fl-eżami li għamlet tal-elementi tar-reat, irriteniet illi, sabiex ikun hemm ir-reat taħt l-art. 68 (1) tal-Kap. 12, jeħtieġ li n-nies jinġabru f'numru ta' għaxra jew iżjed bħala effett tal-istigazzjoni da parti tal-imputat, b'mod illi, jekk meta jsir l-inċitament ikun hemm diġa' ġemgħa ta' għaxra minn nies, allura ma hemmx reat. Skond l-Ewwel Qorti, jeħtieġ li l-attruppament isir ta' għaxar jew iżjed minn nies, "wara" u bħala effett tal-inċitament;

Dina l-Qorti ma taqbelx ma' dina l-interpretazzjoni, li tikkontraddiċi sija l-ittra kemm l-ispiritu tal-liġi. Dina l-Qorti tirritjeni li kull ma trid il-liġi hu li l-folla tkun ta' għaxra jew iżjed fil-ħin li tkun inċitata. Tant ifissru, u xejn iżjed jew anqas, il-kliem fit-test ingliż "........... who, when so incited, shall be ten or more in number .........", u l-kliem tat-test malti "......... illi, hekk imxewxa, jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar .........";

Għal din il-lokuzzjoni tikkorrispondi l-lokuzzjoni tat-test taljan ta' qabel (art. 71 antik) "......... le quali, così suscitate, formassero il numero di dieci o più........... ";

L-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti ġġib għall-konsegwenza illi jkun reat il-fatt ta' min jinċita, per eżempju, ħamsa minn nies, li mbagħad isiru għaxra jew iżjed, u ma jkunx reat il-fatt ta' min jinċita folla ta', per eżempju, mitejn; mentri hu ċar li l-bżonn tar-repressjoni hu ferm aktar impellenti fit-tieni każ. Bil-kliem fuq stralċjati mill-artikolu in diżamina jidher ċar illi l-liġi ma kkontemplatx b'dana l-artikolu l-fatt ta' min jinċita numru ta' nies li jkun u jibqa' anqas minn għaxra, għaliex evidentement fatt simili ma jippreżentax dik is-serjetà li tirrivela ruħha malli n-numru jiżdied u jilħaq għaxra;

*Dwar il-fatti:*

Il-Qorti hi soddisfatta illi waqt il-marcn tal-aħħar tal-Festa ta' San Ġorġ, l-imputat, fil-waqt li ddiriġa ruħu lejn ġemgħa ta' nies eccedenti n-numru fuq imsemmi, f'żewġ ok-

każjonijiet qal rispettivament il-kliem "Minn hemm irridu ngħaddu" u l-kliem "Ejjew, ejjew l-hawn". Ix-xhieda tad-difiża jikkostitwixxu dik li tissejjah prova negattiva ta' ebda valur, għax evidentement dawk ix-xhieda kienu mal-imputat f'mument divers minn dak li fih sar il-fatt in kwistjoni. B'dawn il-kliem l-imputat kien qiegħed jinċita lill-folla biex tikser l-ordnijiet tal-Pulizija, intiżi biex il-folla ma tgħaddix minn ċerti bnadi fejn seta' jinqala' l-inkwiet mal-partit kuntrarju, u hekk isiru disturbi għall-bon ordni u għall-paċi publika;

Għal dawn ir-raġunijiet, dina l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tiddikjara l-imputat ħati skond l-imputazzjoni, u, wara li rat l-artikolu fuq imsemmi tikkundannh għall-multa ta' £6, titħallas fi żmien ħmistax;

Din il-Qorti, inoltre, in vista tal-fatt li x-xhieda tal-imputat mogħtija quddiem din il-Qorti, debitament traskritta fol. 12, hija in konflitt ma' dik tat-tliet xhieda tal-Prosekuzzjoni, tordna illi kopja ta' din is-sentenza, flimkien ma' kopja tax-xhieda tal-imputat, u flimkien mat-traskrizzjoni tal-istenografat tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża, tiġi mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jara hux il-każ li jipproċedi kontra l-imputat għal spergjur.